**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 27 ta' Novembru, 2015**

**Rikors Nru: 1713/2015 AF**

**S. C. Hire Services Limited**

**vs**

**HSBC Bank Malta plc**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' S. C. Hire Services Limited li permezz tieghu din il-Qorti ntalbet izzomm lil HSBC Bank Malta p.l.c. milli tipoteka, tbiegh, tnehhi, tittrasferixxi jew xort'ohra tiddisponi u/jew taghti xi jeddijiet inter vivos u/jew causa mortis, tkunu ta' liema natura jkunu, inkluz kirjiet jew koncessjonijiet b'titolu oneruz jew gratuwitu fuq:-

"Lower Basement Garage" sottopost "semi-basement" proprjetà ta' terzi, u "Rebecca Court", li jinsab fi Triq Jean De La Valette, St. Paul's Bay, liema 'lower basement' garage jikkonsisti fi tnejn u ghoxrin garage spaces u huwa accessibbli minn entratura bla numru u bla isem li jaghti ghal fuq l-istess triq, u mix-Xlokk mal-istess triq, mill-Grigal ma' beni ta' Bonnici

Brothers Limited u mill-Lbic ma gid ta' Bestland Limited u ohrajn jew l-aventi kawza minnhom jew irjieh ohra verjuri.

L-imsemmija proprjetà hija mibnija fuq tlett plots bin-numru ghaxra (10), hdax (11), u tnax (12) konfinanti flimkien u huma kontigwi mix-Xlokk mat-triq, li issa jisimha Triq Jean De La Valette, mill-Grigal ma' beni ta' Bonnici Brothers Limited u mill-Lbic ma gid ta' Bestland Limited u ohrajn jew l-aventi kawza minnhom jew irjieh ohra verjuri."

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Novembru 2015.

Rat in-nota spjegattiva tas-socjetà rikorrenti.

Rat ir-risposta ta' HSBC Bank Malta p.l.c. li permezz taghha ghar-ragunijiet fiha mfissra hija sottomettiet li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.

Rat id-dokumenti.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat illi l-Art. 873 tal-Kap. 12 testwalment jipprovdi illi:

> *"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*
>
> *(2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

Minn dan johrog illi l-ligi tesigi li jissussistu zewg rekwiziti flimkien sabiex tkun gustifikata talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, u cioè, l-jedd pretiz imqar prima facie u l-pregudizzju li jigi rekat lir-rikorrenti jekk il-mandat ma jintlaqax.  L-insenjament ta dawn il-Qrati fir-rigward huwa kostanti (ara per ezempju Mugliett vs Bonnici – Prim'Awla 25 ta' Jannar 2005).

Fil-kaz in ezami s-socjetà rikorrenti issejjes it-talba taghha fuq dak li hija ssostni huwa ftehim milhuq verbalment mal-Bank intimat. Permezz tal-istess ftehim, s-socjetà tallega li l-Bank kien wieghed li jittrasferixxi lura lis-socjetà rikorrenti proprjetà immobbli li l-Bank kien akkwista f'bejgh in subbasta "animo compensandi". Ta dan il-ftehim ma tezisti l-ebda hjiel ta' prova la verbali u wisq anqas skritta. Il-ligi nostrana hija cara u inekwivoka meta tesigi li weghda ta' bejgh tehtieg ghall-validità taghha li din tkun saret bil-miktub u li inoltre tkun giet debitament u regolarment registrata. Minn dan kollu ma ngabet lill-Qorti ebda prova. Ghalhekk galadarba ma jezistix jedd "prima facie' kif allegat, jonqos wiehed mir-rekwiziti essenzjali ghall-hrug tal-mandat mitlub.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirrevoka "contrario imperio" d-digriet taghha tat-3 ta' Novembru 2015 u tichad it-talba ta' S. C. Hire Services Limited.

L-ispejjez jithallsu minn S. C. Hire Services Limited.

IMHALLEF